# Bravata li baqgħet ma' ismu

*Minn P. Martin D Schembri O. Carm*

Meta tkun midħla tas-Sagrestija tas-Santwarju Bażilika Minuri tal-Karmnu tal-Belt ma tistax ma tiltaqax ma l-inizjali P.T.T. li tfisser Patri Telesforu Tanti. P. Teleosforu Tanti kien mill-Belt, twieled fl-10 ta' Diċembru 1880 fi Triq ir-Repubblika l-isfel fejn illum hemm l-Uffiċju tal M.U.T. Mill-opri li ħalla jidher li kien iħobb il-Liturġija u anke b'mod artisitiku, kien patri vera tal-Kunvent meta tara xi xtara u kemm irkupra affarijiet għal kunvent.





AL PADRE MIO
AHI DA GRAN TEMPO DEFUNTO
ALLA MADRE ALLE SORELLE
PER TUA GRAZIA VIVE
ALL' ORDINE CARMELITANO
AL ROMANO PONTEFICE
A TUTTA QUANTA LA CRISTIANITÀ
A ME SIGNORE A ME
FRA TELESFORO TANTI
QUESTO SACRIFICIO SOLENNE
CELEBRATO NEL NATALE DEL 1904
NELLA CHIESA DEL CARMINE
DI SAN GIULIANO
DOPO 25 GIORNI
DALLA MIA ORDINAZIONE
SIA PROPIZIO

*Is-santa ta l-ewwel Quddiesa ta' P. Telesforu Tanti*

P. Telesforo Tanti ma kienx minn naħa tal-Karmnu, iżda minn naħa ta' San Duminku. Tista tikteb li kien minn ċkunitu partitarju Dumnikan. Dak iż-żmienijiet kien hemm ċertu ftaħir li tkun tappartjeni għal xi festa tal-Belt. Ċerti praspar kienu isiru wkoll waħda minnhom għamilha P. Telosforu u hija din. L-erbgħa statwi tnejn tal-Papiet u tnejn tal-Isqfijiet Karmelitani li fi żmien il-festa tal-Karmnu kienu jintremgħu fil-kantunieri ta' bejn Strada Forni u Strada Teatru, bi mħatra dan iż-żagħżugħ seraq waħda mit-trerenju ta' wieħed mill-Papiet San Telosforu. Ħafna skantaw meta wara żmien talab biex jidħol Karmelitan. Skont P. Paul Gatt jgħid li dan iż-żagħżugħ partitarju Dumnikan talab biex jidħol Karmelitan għax tqanqlet fih id-devozzjoni meta ra l-purċissjoni tal-Karmnu, iżda skond P. Spir Grech jgħid li dan iż-żagħżugħ ra żewġ patrijiet jgħumu fejn il-fossa ta' Marsamxett u raħhom ibusu l-Labtu qabel ma jibdew jgħumu bih. Din id-devozzjoni li permezz tagħhom Marija ġibdet lil dan iż-żagħżugħ lejn l-Ordni tagħha (dawn iż-żewġ patrijiet Karmelitani Beltin it-tnejn qalu lili meta kont novizz fl-1971) żgur li mat-talba ta'dan iż-żagħżugħ u wara li għamel l-eżami u għadda, ħallas wkoll biex jidħol, il-Provinċjal mad-dota għamillu kundizzjoni biex iġib it-trerenju li kien ħa. Biex jibqa' jiftakar żgur f'din il-bravata tiegħu fil-vestizzjoni tah l-isem ta' Telosforo għal Papa San Telosforu li kien ħadlu t-Trerenju tiegħu. (kemm il-darba din l-istorja smajtha minn P. Pawl Gatt u Fra Rafel Mamo). Il-famuż trerenju għadu jeżisti għax għal San Telosforu kienu għamlu ieħor, u dak li kien ħa P. Telosforu tifel jintuża kemm fit- tubri ta' meta jmut xi Papa, u fih hemm miktub din il-bravata. Dan It-Trerenju kien jissellef lil Kon Kattidral fil-mewt ta' xi Papa għall Kappella Ardente.

P. Telosforu Tanti kif aċċennat fil-bidu kien bniedem li jħobb is-serjeta' b'mod speċjali fir-regoli tal-Liturġija. Dan jidher ċar minn żewġ anneddoti fuqu u anke mill-affarijiet li saru fi żmienu.




*Il-qiegħ tal-Kalċi fejn juri ta' min hu*

ŻEWĠ ANNEDDOTI

Meta kien Pirjol u kien hawn il-Ġeneral tal-Ordni Reverendissimu P. Elias Magennies darba dan il-Ġeneral niżel għal Vespri bis-sandli (qorq) u l-Pirjol P. Tanti meta raħ qallu, "Reverendissimu hawn qiegħed fis-Santwarju tal-Karmnu mhux f'xi għalqa Irlandiża, jekk jogħġbok mur ilbes żarbun, se noqgħodu nistennewk," u l-Ġeneral mar. Anneddotu ieħor kienet xi festa u l-qniepen bdew idoqqu, l-Arċisqof Mauru Caruana sejjaħ wieħed u qallu, mur għid lill-Pirjol tal-Karmnu li l-qniepen qegħdin itellfuni l-konċentrazzjoni biex nikteb il-Pastorali. Malli rreferew x'qal l-Isqof lill P. Tanti qalilhom, għidulu jsib ħin ieħor biex jikteb u waqt id-daqq tal-qniepen imur jinħasel. Dan Kien P. Tanti sbukkat u sinċier. P. Tanti miet fit-12 ta' Lulju 1939 ta' 58 sena u kien ilu kważi tlett snin għama, meta ħass il-mewt ara l-imħabba li kellu lejn is-16 ta' Lulju qalilhom "ara ma tnaqqsu xejn mill-festa minħabba fiha, għax hi (il-Madonna) kollox jien ma jiena xejn għamlu festa devota u kbira" Dan il-kliem smajtu spiss minn Fra Rafel Mamo, u P. Pawl Gatt.

P. Telosforu Tanti ħalla ħafna affarijiet fis-sagrestija, ħafna pjaneti mal-ħmistax il-waħda dawk ta' kuljum kellhom fl-istola salib tipiku tiegħu kif tistgħu taraw fir-ritratt. Minn dawn il-pjaneti kellu tnejn irrakkmati u waħda ħamra tal-arazzi li kien xtrahom mill-irkantijiet. Kellu erbgħa kalċijiet barokki sbieħ u kollha "a martellu" u ndurati b'deheb "a fuoco'. Kellu diversi bizillel sbieħ tlieta taċ-ċombini u żewġ intall irrakkmati. Fil-kamra tiegħu kellhu statwa tal-Madonna tal-karmnu fuq dik tal-Belt, kellha mant bil-kuruna tal-fidda bl-artal, bil-ventartal tal-fidda u gandlieri żgħar tal-fidda, dawn kien tagħom lill P. Pawl Gatt u għadhom fil-kunvent tal-Karmnu tal-Mdina fejn miet P. Pawl Gatt O. Carm. Belti ieħor. Fil-kunvent kien reġa xtara ġinokjatur interzjat li wieħed patri kien biegħ (dak iż-żmien l-armar tal-kamra kien ikun proprjeta tal-patri.) P. Telosforo Tanti kien nieżel minn Strada Teatro u lemaħ dan il-ġenokjatur għand ir-Rixu li kien jixtri kollox (illum insejħulhom "antikwari") u meta ra dan il-ġenokjatur bl-arma tal-Ordni interzjata qallu "kemm" u dak qallu "45 lira" u ħallsu fil-pront. P. Telosforu Tanti kien ġej minn familja tat-tajjeb tant u hekk li oħtu ħalliet l-ewwel somma ta' flus għal bini tas-Santwarju il-ġdid £10,000. P. Telosforu kien bniedem li kien iħobb ħafna il-kunvent, fil-librerija tal-Kunvent tal-Karmnu tal-Belt għadek issib kotba li kien xtara hu meta kien f'Napli, kotba antiki tas-17 u 18 il-seklu li jittrattaw storja jew qaddisin tal-Ordni Karmelitan. Kien jikteb fuqhom min fejn xtrahom u kemm xtrahom. P. Tanti meta kien Pirjol biddel il-Kwadru ta' Sant Elija u dan il-kwadru il-ġdid li għadu fil-kunvent,



*Tnejn mill-ħames kalċijiet ta' P. Telesforu Tanti*





*Wieħed mis-sitt siġġijiet*



*Disinn tas-salib speċjali li kien jagħmel fl-istejjel tal-pjaneta tiegħu*

ma tantx ħareġ, meta għama il-patrijiet allura il-Pirjol ta' wara reġgħu waħħlu l-antik, hu kien fil-bieb tas-sagrestija, u lill wieħed tifel qallu "dan id-distorbju x'inhu' it-tifel qallu "qed ineħħu il-kwadru ta' Sant Elija dak li qisu se jaqbes il-baħar ma ieħor ta' Sant Elija rieqed." P. Tanti wieġeb "tagħhom għaddiet". Għal informazzjoni tagħkom dak it-tifel kien Ġuzi Azzopardi li wara sar Fra Karm Azzopardi.

Meta kien Pirjol saru fi żmienu żewġ apparati sħaħ tal-Kanavazzo d'oro wieħed tal-Milied b'ħames kapep taċ-ċelebrant bil-bokkla tal-fidda, li kellu ġlieda fuq il-bokkla mal-Arċisqof Mauro, tlett tuniċelli, tmien pjaneti, sopra leġiju u Venumeral u tlett 'covers' tal-Missali. Apparat ieħor li sar fi żmienu kien vjola tal-kanavazzo d'oro għar-regula tal-Karmnu.

P. Telosforo Tanti kien konfessur kbir anke meta l-aħħar tlett snin ta' ħajtu għama xorta wieħed mil-frajiet kien iniżżlu għal qrar. Jien kont nisima' lil Fra Rafel jirrakonta li meta kien Pirjol kien jiġbor il-frajiet li kienu jkunu minn erbgħa sa ħamsa u jagħmlilhom meditazzjoni. Għal ħames t'ijiem sħaħ u ta' siegħa mill-4.00p.m. sal-5.00p.m. kien jaqralhom mill-kotba bħal Imitazzjoni ta' Kristu u siltiet mill-Vanġelu. Tajjeb insemmu li din il-prattika tal-meditazzjoni lil frajiet jien meta kont tifel kienet għadha ssir, niftakar lil P. Danjel Sammut jaqra minn xi ktieb lil Frajiet, meta kont tifel jien kien hawn Fra Rafel Mamo, Fra Dovik Farrugia u Fra Karm Azzopardi flimkien ma tlett postulanti Fra Michael Rapinett u Fra Lino (Carmel John) Scalpello.

Fil-ktieb tal-visti tal-Provinċjal P. Tanti dejjem ġie mfaħħar kemm kien jieħu ħsieb il-komunità u l-ikel tajjeb, għalkemm kien bniedem ta' dixxiplina u baqa' msemmi ħafna għal serjeta' tal-funzjonijiet f' żmienu. Barra l-affarijiet li diġa demmejt ħalla wkoll sitt siġġijiet sbieħ li dan l-aħħar snin ġew irrestawrati, dawn is-siġġijiet kien mogħtija mill-familja tiegħu lis-Santwarju Bażilika Minuri fil-Quddiesa Solenni tiegħu, li saret ftit wara l-Ordinazzjoni tiegħu li kienet fit-30 ta' Novembru 1904. Fi żmien P. Telosforu Tanti il-Patrijiet kien ikollhom il-Missal tal-Quddiesa proprju tagħhom, tiegħu kien illegat b'mod speċjali u d-disinn tal-induratura ta' barra tal-missal hija disinn fl-aqwa barokk kif kien wkoll hu, dan tistgħu tarawh fir-ritratt. Barra Pirjol tal-Belt fl-1930 kien assunt Provinċjal u spiss kien Direttur Tat-terz Ordni Karmelitan.